# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 32.**
**Citazz. Nru. 1431/00 JRM**

**MONARCH ADVERTISING LIMITED**

**vs**

**JAKIT LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bi is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef sitt mija u sitta u sebghin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm6,676.49) raprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' reklamar mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenuta, kif jirrizulta minn disa' *invoices* hawnhekk annessi u markati minn "Dok. A" sa "Dok. I" oltre l-imghax dekorribili mid-data ta' kull *invoice* relattiva, billi mill-bilanc komplessiv ta' sebat elef u hames mija u hamsin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm7550.49) jitnaqqsu tmien mija u erbgha u sebghin lira maltin (Lm874)

rizultanti minn credit notice tas-socjeta' konvenuta a favur tas-socjeta' attrici;

Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, anki permezz ta' ittra interpellatorja datata 12 ta' April 2000 u permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Mejju 2000, xorta wahda baqghet inadempjenti;

Ghalhek is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sebghin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm6,676.49);

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sebghin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm6,676.49) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' reklamar mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta stess;

Bl-interessi dekorribili mid-data ta' kull invoice relattiva, u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Mejju 2000 kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sebghin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm6,676.49) u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, sitt mija u sitta u sebghin lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm6,676.49) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' reklamar mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta stess, u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-istess citazzjoni, jigifieri dekorribili mid-data ta' kull fattura sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**12 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar, 2001.**